MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-10 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 75/2022 LM

**Haley Todd (K.I. nru. 461615L)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Direttur Servizzi tal-Kummerċ**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat **Direttur Servizzi tal-Kummerċ** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fit-2 ta' Ġunju, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Bord tal-Appelli dwar il-Liċenzjar [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], li permezz tagħha ddeċieda l-appell tar-rikorrenti **Haley Todd (K.I. nru. 461615L)** [minn issa 'l quddiem 'l-

appellata'] mid-deċiżjoni tad-Direttur appellant tal-11 ta' Ottubru, 2021, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni tad-Direttur appellat'], fejn laqa' l-appell tal-appellata, u ordna lid-Direttur appellant sabiex jestendi l-ħinijiet tal-liċenzja tagħha sal-4.00 ta' filgħodu.

## Fatti

2. L-appellata fil-15 ta' Settembru, 2020 ppreżentat talba lid-Direttur appellant, sabiex tingħata estensjoni tal-ħin tal-ftuħ tan-negozju tagħha li hija tiġġestixxi mill-fond bin-numru 43 f'Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta, [minn issa 'l quddiem 'il-fond'], iżda fil-11 ta' Ottubru, 2021 hija ġiet infurmata mill-imsemmi Direttur appellant li t-talba tagħha kienet qegħda tiġi miċħuda *ai termini* tas-subregolament 6(2) tal-L.S. 441.07, wara li kien hemm oġġezzjoni min-naħa tal-Kummissarju tal-Pulizija minħabba s-segwenti raġuni:

> *"The area in question is not considered as an entertainment area and due to the significant number of residents residing nearby who regularly complain whenever a noise nuisance is caused by the establishments of the area."*

## Mertu

3. Fit-18 ta' Novembru, 2021 l-appellata ppreżentat appell quddiem il-Bord, fejn talbet sabiex id-deċiżjoni tad-Direttur appellant tiġi mħassra, bl-ispejjeż kontrih. Hija ressqet is-segwenti aggravji: (a) l-applikazzjoni tagħha ġiet miċħuda fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi; (b) ir-raġuni li pprovda l-Kummissarju tal-Pulizija għall-oġġezzjoni tiegħu hija nfondata fil-fatt; u (ċ) stabbilimenti oħra fl-istess lokalità ingħataw estensjoni fil-ħinijiet sal-4.00 ta' filgħodu.

4. Id-Direttur appellant wieġeb għall-appell tal-appellata, fejn talab lill-Bord sabiex jiċħad l-imsemmi appell, bl-ispejjeż kontra tagħha.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Ikkonsidra:*
>
> *Illi l-Bord għarbel sewwa x-xhieda u s-sottomissjonijiet tal-partijiet u ħaseb fit-tul dwar dan l-appell. Il-Belt tippreżenta bosta diffikultajiet għaliex, essendo li hija belt residenzjali u fl-istess ħin qed issir dejjem iktar post ta' diveriment u ħwienet, wieħed irid iżomm bilanċ bejn id-drittijiet tar-residenti għall-kwiet u l-mistrieħ tagħhom minn banda waħda, u d-drittijiet tan-negozjanti min-naħa l-oħra li jkunu għamlu investiment sostanzjali u jkunu jridu li tali investiment irendi. Hemm ukoll mill-banda l-oħra in-neċessità li jkollok postijiet ta' divertiment li huma essenzjali kemm għall-benefiċċju tas-soċjetà in ġenerali kif ukoll biex tissaħħaħ l-industrija tat-turiżmu. M'hemmx għalfejn wieħed ifakkar illi sa ftit snin ilu wara s-7.00pm kienu jagħlqu l-ħwienet kollha u l-Belt kienet tkun mejta mentri llum il-ġurnata is-sitwazzjoni hija ferm differenti. Dan il-ħsieb fil-fatt insibuh anke fis-sentenza ta' dan il-Bord diversament presedut fl-ismijiet* Dr. William Cuschieri vs Direttur Servizzi tal-Kummerċ *fejn applikazzjoni għal estensjoni tal-ħin sal-4.00am għal bar l-isem Yard 32 fi Strada Street* [sic!] *ġiet milqugħa.*
>
> *Illi għalhekk il-Bord qed isib ruħu f'diffikultà sabiex jidentifika liema huma l-partijiet tal-Belt fejn hemm iktar residenzi u l-partijiet l-oħra aktar konnessi ma' negozju u divertiment. Fl-istess ħin il-Bord ma jistax jinjora l-fatt illi diġà hemm numru ta' stabbilimenti li għandhom estensjoni tal-ħin. Il-Bord ma jistax ikun hu li joħloq sitwazzjoni anomala fejn l-istess akkwata jkun hemm stabbilimenti li għandhom estensjoni tal-ħin u oħrajn li m'għandhomx.*
>
> *Illi l-Bord in effetti jħoss li wasal żmien li tiġi mfassla policy għall-Belt wara konsultazzjoni mal-entitajiet kollha interessati.*
>
> *Illi fil-frattemp huwa l-Bord li jrid jiddeċiedi. Il-funzjoni tiegħu ġiet ben spjegata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet* Rouvin Zammit Apap pro et

noe vs Direttur Servizzi tal-Kummerċ *(fn. 1 Deċiża fl-14 ta' Lulju, 2021 (Appell Inferjuri Numru 22/2021LM):*

> "Mid-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu (fn. 2 Is-subartikolu 6(3) tal-Kap. 441) ma jirriżultax illi, u dan għall-kuntrarju tas-setgħat limitati tas-Sezzjoni Liċenzji tal-Kummerċ, il-Bord huwa marbut b'xi mod fl-għoti tad-deċiżjoni tiegħu, għajr għall-fatt li huwa għandu jipprovdi r-raġunijiet għaliha. Wara li stħarreġ l-fatti li fuqhom sejjes l-oġġezzjoni tiegħu l-Kummissarju tal-Pulizija, u sab li waħda mit-tliet raġunijiet mogħtija minnu kienet tidher ġustifikata, jiġifieri li fil-viċinanzi kien hemm dgħajjes li fuqhom kienu jgħixu n-nies u li l-istorbju ser iwassal sabiex jikkawża fastidju lilhom, il-Bord għadda sabiex laqa' l-appell tal-appellant billi llimita l-kummerċ tal-fond sabiex dan ma jistax iservi klijenti fuq barra u lanqas jipppermetti l-użu tal-imwejjed fuq barra. B'hekk il-Qorti tqis li l-Bord ottempora ruħu b'mod sodisfaċjenti mal-liġi. Għaldaqstant issib li l-aggravju tad-Direttur appellat mhux ġustifikat u tiċħdu."

*Illi fil-każ in eżami l-istabbiliment ftit li xejn għandu spazju ġewwa u allura ma jistax jordna li l-attività tiġi ristretta fuq ġewwa tal-ħanut. Il-Bord ikkonsidra però m'huwiex qiegħed ġo triq dejqa però ġo Triq Merkanti u għalhekk m'hemmx il-periklu li l-kliem tan-nies jirbombja 'il fuq. Il-Bord ikkonsidra wkoll illi ma sarux rapporti fuq l-istabbiliment in kwistjoni u għalhekk jidher li l-appellanti hija persuna pjuttost affidabbli. Il-Bord apprezza wkoll il-fatt illi l-istabbiliment in kwistjoni mhux interessat li jdoqq mużika lanqas fil-*background *għaliex tinstema' biżżejjed mużika minn La Bottega.*

*Illi finalment il-Bord ma jistax jinjora wkoll il-fatt illi numru sostanzjali ta' stabbilimenti ġewwa s-Suq tal-Belt ingħatatilhom l-estensjoni mitluba u dawn huma viċin ferm tal-ħanut in kwistjoni."*

## **<u>L-Appell</u>**

6. Id-Direttur appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-20 ta' Ġunju, 2022, fejn qed jitlob sabiex din il-Qorti:

> *"...jogħġobha tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza datata 2 ta' Ġunju 2022, billi tħassarha fejn laqgħet l-appell tal-appellat u minflok tikkonferma d-deċiżjoni tal-appellant 13 ta' Settembru 2021, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti: (i) il-Bord għamel apprezzament manifestament erronju tal-fatti; (ii) m'hemm l-ebda raġuni skont is-subartikolu 6(2) tal-Kap. 441 sabiex tiġi imħassra d-deċiżjoni tiegħu; (iii) il-Bord mar *ultra vires* fid-deċiżjoni tiegħu.

7. L-appellata wieġbet fit-3 ta' Novembru, 2022 fejn qegħda titlob sabiex l-appell jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra d-Direttur appellant, u dan filwaqt li tiġi kkonfermata d-deċiżjoni appellata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tad-Direttur appellant, u dan fid-dawl ta' dak li ġie deċiż mill-Bord permezz tad-deċiżjoni appellata u tas-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellata. Iżda qabel xejn tirrileva li skont l-artikolu 8 tal-Kap. 441 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif sewwa tissottometti l-appellata, appell minn deċizjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punt ta' liġi, u għalhekk il-Qorti ser tikkonsidra l-ewwel u qabel xejn jekk kull aggravju rispettiv jinkwadrawx fil-parametri stabbiliti mil-liġi għall-fini ta' appell.

9. L-ewwel aggravju tad-Direttur appellant mill-ewwel jirriżulta li ma tressaqx fil-parametri tal-artikolu 8 tal-Kap. 441. Tgħid li d-Direttur appellant stess jiddikjara li *"...s-sentenza tal-Bord tagħmel apprezzament manifestament erronu tal-fatt...",* u s-sottomissjonijiet tiegħu li jsegwu huma limitati biss għall-mertu tal-każ odjern. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju ma jistax jiġi kkunsidrat minn din il-Qorti.

10. It-tieni aggravju tad-Direttur appellant ukoll ma jistax jiġi ttrattat minn din il-Qorti għall-istess raġuni. Id-Direttur appellant jiftaħ is-sottomissjonijiet tiegħu b'riferiment għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 6(2) tal-Kap. 441, li jagħti permess għal appell quddiem il-Bord biss f'dawk l-erba' ċirkostanzi mfissra fil-paragrafi (a) sa (d) tiegħu. Iżda għalkemm huwa jgħaddi sabiex jispjega li l-appell tal-appellata quddiem il-Bord ma kien jinkwadra fl-ebda ċirkostanza, ċertament kwistjonijiet li huwa kien tenut iqajjem quddiem il-Bord, għal darb'oħra jidħol fil-kwistjoni prinċipali tal-mertu, li hija jekk it-talba għall-estensjoni o meno tal-ħinijiet tal-ftuħ tal-istabbiliment tal-appellata hija ġustifikata. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni anki ta' dan l-aggravju.

11. It-tielet aggravju tad-Direttur appellant huwa li l-Bord mar *ultra vires* fid-deċiżjoni appellata. Is-sottomissijiet magħmula mill-appellant hawnhekk ma jolqtux il-mertu, u għalhekk il-Qorti għandha tikkunsidra dan l-aħħar aggravju. Id-Direttur appellant jirrileva li l-Bord effettivament iddeċieda li jeżerċita d-diskrezzjoni u l-*vires* tal-eżekuttiv, u dan partikolarment fejn fid-deċiżjoni appellata l-motivazzjoni saret permezz ta' konsiderazzjonijiet ta' *policy-making.* Ikompli jgħid li minflok ma l-Bord issindika l-legalità u r-raġonevolezza tad-deċiżjoni tiegħu, huwa kien għadda sabiex għamel apprezzament amministrattiv li kien jispetta lill-awtoritajiet konċernati. Id-Direttur appellant jgħaddi sabiex jiċċita dik il-parti tad-deċiżjoni appellata li huwa jikkunsidra bħala offensiva f'dan ir-rigward. Jikkontendi li minn dan jirriżulta li l-Bord wasal għall-konklużjoni tiegħu għaliex huwa ma kienx jaqbel mad-deċiżjoni amministrattiva, meta l-funzjoni tiegħu kienet waħda ta' reviżjoni amministrattiva. Jgħid li l-ġurisprudenza tgħallem li meta ġudikant jintalab

sabiex jistħarreġ għemil amministrattiv, il-kompetenza tiegħu hija limitata għal eżami tad-deċiżjoni sabiex jara jekk din tkun saret *rite et recte*. Filwaqt li huwa jagħmel riferiment għal żewġ sentenzi tal-Qrati tagħna[1] in sostenn ta' din is-sottomissjoni tiegħu, id-Direttur appellant jirrileva li dawn il-prinċipji huma wkoll mħaddna fis-subartikolu 6(2) u fis-subartikolu 6(4) tal-Kap. 441.

12. L-appellata tirribatti dan kollu u tissottometti li l-fatt li l-Bord ikun evalwa l-fatti, jagħmel l-apprezzament tiegħu dwarhom, u jasal għal konklużjoni li d-deċiżjoni tad-Direttur appellant ma kinitx ġusta, ma jfissirx li d-deċiżjoni tiegħu hija *ultra vires.* Filwaqt li tagħmel riferiment għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Kap. 441, tissottometti li d-Direttur appellant m'għandu l-ebda dritt jillimita l-poteri u l-funzjonijiet tal-Bord għaliex huwa ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-istess Bord. Hawnhekk l-appellata tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 2021 fl-ismijiet **Rouvin Zammit Apap pro et noe *vs.* Direttur tal-Kummerċ**, u tgħid li hemmhekk il-Qorti kienet fissret x'kienu l-poteri tal-Bord. Tgħid li għalkemm id-Direttur appellant qed jikkontendi li l-Bord wasal għall-konklużjoni tiegħu *"mhux għax jidhirlu li din kienet illegali, jew altrimenti mankanti, jew irraġonevoli",* jirriżulta b'mod inekwivoku li l-Bord kien tal-fehma li d-deċiżjoni tad-Direttur appellant kif imsejsa fuq oġġezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, ma kinitx raġonevoli għal dawk ir-raġunijiet li hija kienet appena fissret. L-appellata ssostni li hawnhekk wieħed għandu jqis il-konsiderazzjonijiet tal-Bord qabel ma wasal għad-deċiżjoni tiegħu, u tfisser dawn x'kienu. Tikkontendi li jirriżulta li l-Bord għarbel il-legalità u r-raġonevolezza tad-deċiżjoni tad-Direttur appellant. Tgħid li wara

[1] **Trafalgar Company Limited et *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 27.05.2016, u **Reginald Fava *pro et noe vs.* Supretendent tas-Saħħa Pubblika**, Q.A. (Sede Superjuri), 11.05.2010.

kollox kien dan tal-aħħar li għarrafha li hija għandha dritt ta' appell fil-mertu permezz tar-riferiment għar-Regolament 36 tal-L.S. 441.07.

13. Il-Qorti tagħraf li l-Bord bla ebda dubju skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (a) u (d) tas-subartikolu 6(2) tal-Kap. 441, kellu kull dritt li jinvestiga jekk id-deċiżjoni tad-Direttur appellant kinitx ittieħdet sew, jiġifieri li ma kien hemm l-ebda żball materjali dwar il-fatti, u li ma kien hemm l-ebda illegalità materjali, irraġonevolezza jew nuqqas ta' proporzjonalità. Tikkunsidra li effettivament il-kompetenza tiegħu kif eradikata f'dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi, hija pjuttost wiesgħa u tirrikjedi mingħandu li mingħajr ma tiġi sostitwita d-deċiżjoni amministrattiva, huwa għandu jassigura li d-deċiżjoni tad-Direttur appellant mhijiex milquta minn xi wieħed jew aktar mill-mankanzi, fejn allura huwa jkun tenut li jħassar jew li jbiddel id-deċiżjoni in kwistjoni. Il-Qorti tgħid li dan huwa proprju li għamel il-Bord fil-każ odjern, kif jirriżulta b'mod ċar fil-paragrafu ta' qabel l-aħħar tal-konsiderazzjonijiet tiegħu, fejn ikkunsidra l-fatti riżultanti fid-dawl ta' dak li ġie deċiż mid-Direttur appellant, u sab li dawn kienu jimmeritaw deċiżjoni differenti. Il-Qorti tikkunsidra li hawnhekk mhuwiex il-każ li l-Bord issostitwixxa d-deċiżjoni tiegħu għal dik tad-Direttur appellant, iżda b'mod raġunat u spjegat ra li l-fatti li wasslu lid-Direttur appellant għad-deċiżjoni tiegħu, kellhom jagħtu lok għal deċiżjoni favur l-appellata. Li kieku d-deċiżjoni appellata kienet nieqsa minn dan kollu, kien ikollu raġun id-Direttur appellant li jilmenta li l-Bord tassew issostitwixxa d-diskrezzjoni tiegħu għal dik eżekuttiva.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u tat-tieni aggravji tad-Direttur appellant stante li dawn huma inammissibbli *ai termini* tal-artikolu 8 tal-Kap. 441 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddeċiedi billi tiċħad il-kumplament tal-appell tiegħu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Bord għandhom jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tad-Direttur appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**